KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 32/8/194/21

**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 32

*L-Erbgħa 26 ta' Jannar 2022*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja Paola nhar l-Erbgħa 26 ta' Jannar 2022. Il-laqgħa kienet skedata għal-4.30pm.

**Preżenti:**

Dominic Grima - *Sindku*
Darren Lynch - *Viċi Sindku*
Steven Axisa - *Kunsillier*
Ivan Bartolo – *Kunsillier*
Rita Delezio - *Kunsilliera*
Yvonne Arqueros – *Kunsilliera*
Neville Camilleri – *Kunsillier*

**Assenti b'apoloġija**
(Skont Ordni Permanenti 14A (3):

**Assenti:**

**Uffiċjal Preżenti:** Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv*

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

1. **<u>Qari tal-ittri ta' apoloġija</u>**

1.1. Is-Segretarju

2. **<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

2.1. Il-Minuti nr. 31 ġew approvati *nem com.*

3. **<u>Korrispondenza</u>**

3.1. Ċirkulari mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali dwar Skema ta' Żvilupp u titjib tal-*playing fields*. Wara diskussjoni is-Sindku ippropona u l-membri qablu li issir applikazzjoni sabiex isir proġett ta' tisbiħ tal-latrina pubblika ta' Ġnien Pawlu Boffa li permezz tiegħu ukoll il-latrina issir waħda aċċessibbli għal kulħadd. Il-membri qablu wkoll li ssir diskussjoni mal-perit tal-Kunsill dwar il-possibilitajiet li jistgħu isiru sabiex dan il-proġett isir.

3.2. Ċirkulari mill-Ministeru tal-Ambjent dwar l-iskema *Urban Greening* sabiex isiru proġetti ta' tħaddir fil-komunità. Wara diskussjoni is-Sindku ippropona u l-membri qablu li ssir applikazzjoni għall-proġetti maġġuri li qed isir ix-xogħol ta' preparamenti fuqhom bħalissa u jinkludu dak ta' Tony Bezzina u Ġnien San Alwiġi. Il-Kunsillier Axisa qal filwaqt li jaqbel ma' dawn il-proġetti ma jistax ma jirrimarkax fuq l-importanza li isir xogħol fuq in-nuqqasijiet li hemm fi proġetti li saru dan l-aħħar. Is-Sindku qal li dwar in-nuqqasijiet li qed jirreferi għalihom, ilhu għaddej ix-xogħol u diskussjonijiet, liema xogħol ser jitwettaq fil-ġimgħat li ġejjin anki b'tenders ġodda li qed jinħadmu. Il-Kunsilliera Delezio fakkret ukoll fuq ix-xogħolijiet pendenti tal-pjazza u s-Sindku informa lill-membri li fil-ġranet li ġejjin kienu ser jittieħdu it-testijiet tal-art sabiex ikun jista' wkoll jitkompla ix-xogħol fuq il-pjazza.

4. **<u>Parkeġġ</u>**

4.1. Is-Sindku qal li reġa wasal iż-żmien li issir diskussjoni dwar it-talba tal-Kunsill Lokali Paola sabiex issir skema ta' parkeġġ għar-residenti hekk kif il-pressjoni fuq il-lokalita kompliet tiżdied hekk kif ukoll qed jasal fi tmiemu il-proġett tal-Paola Health Hub. Is-Sindku kompla li huwa qed jipproponi illi din il-materja titla fuq il-mejda tal-kabinett u li għaldaqstant għanda tiġi mwassla ittra lis-Segretarju tal-Kabinett sabiex issir

diskussjoni dwar l-introduzzjoni ta’ parkeġġ għar-residenti (jew bil-ħin) flimkien mal-iżvilupp ta’ parkeġġ fil-grawnd tas-Shreiber u *park and ride* mill-akwata taċ-ċimiterju tal-Addolorata. Il-membri qablu.

4.2. Il-Kunsillier Axisa xtaq iżid mal-aspett tat-traffiku u l-parkeġġ hekk kif huwa kien tkellem mal-konsulent tal-Kunsill Dr Malcolm Borg hekk kif jidher li kien sar xi studju tal-park and ride fiż-żmien tal-proġett tal-pjazza kif ukoll sostna li trid ukoll issir diskussjoni dwar in-nuqqas ta’ parkeġġ fl-akwata tal-MCAST. Is-Sindku qal li fl-laqgħat li kellu mal-MCAST kien kkonfermat li ser isir parkeġġ fl-MCAST li jesa disgħa mitt karozza u kien ukoll ressaq it-talba sabiex dak il-parkeġġ ikun disponibbli għar-residenti minn wara l-4.00pm.

4.3. Is-Sindku kompla wkoll u l-membri qablu, li sakemm issir xi ħaġa kif imsemmi aktar qabel, il-Kunsill kien ser jara li f’toroq/żoni li ma jinfdux, bħal ma hija l-akwata tal-Paola Wolves, isir parkeġġ li jkun riservat għar-residenti tal-akwata.

## 5. <u>Community Police</u>

5.1. Is-Sindku qal li f’dawn l-aħħar ġimgħat il-Pulizija tal-Komunità bdew ukoll jaħdmu fil-lokalita u bħalissa qed isiru laqgħat mal-Kunsill, NGOs u għaqdiet oħra tal-lokalita sabiex huma jifhmu l-isfidi tal-lokalita ta’ Paola. Is-Sindku talab il-koperazzjoni tal-pubbliku u talab li din il-katina bejn l-awtoritajiet u r-residenti tibqa tissaħħaħ. Is-Sindku u l-membri irringrazzjaw lill-Ministeru tal-Intern u lill-Pulizija ta’ din l-inizjattiva. Il-Viċi Sindku fakkar li hemm il-paġna fuq facebook tal-istess Pulizija tal-Komunità u ħeġġeġ lin-nies sabiex jissieħbu.

## 6. <u>Offerti</u>

6.1. Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jinforma lill-membri dwar it-tender tal-ġbir tal-iskart. Infatti is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li wara l-approvazzjoni tar-rapport tal-Evalwazzjoni mill-Kunsill, it-tender kien ingħata lill-irħas offerent wara li għadda iż-żmien tal-appell. Huwa kompla li l-istess offerent kien irrifjuta it-tender wara li minn dak iż-żmien kien daħal għal xogħol ieħor u għaldaqstant it-tender ġie offrut lill-offerent tat-tieni post li wara li aċċetta l-offerta infurmana fi ftit ħin li kien aċċetta l-offerta bi żball. Għaldaqstant is-Segretarju Eżekuttiv kompla li l-offerta tal-ġbir tas-Skart ingħatat lit-tielet l-irħas offerent, u wara li dan aċċetta l-offerta kien ser jiġi issa iffirmat il-kuntratt.

6.2. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għada għaddejja l-evalwazzjoni teknika tat-tender tal-Ġnien Tony Bezzina wara li l-Kunsill kien irċieva erba' offerti u fid-dawl tal-valur tekniku kbir tal-proġett qed issir evalwazzjoni teknika bir-reqqa mill-bord u l-Perit tal-Kunsill.

6.3. Dwar it-tender ta' xogħolijiet infrastrutturali fit-toroq, bankini u ġonna, is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li x-xogħol ta' evalwazzjoni fuq iż-żewġ offerti għaddej ukoll fid-dawl ta' kjarifiċi li kienu intalbu.

## 7. Staff

7.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta ir-rapport tal-evalwazzjoni lill-membri marbut mas-sejħa interna ta' Skala 13 li sargħet fil-Kunsill wara li kien hemm applikazzjoni waħda għal din is-sejħa. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi r-riżultat tal-intervista kien wieħed li ma wassalx għall-pass mark. Fid-dawl ta' dan il-membri qablu li s-sejħa għanda timxi għall-fażijiet li jmiss u l-impjegata li applikat tingħata l-informazzjoni sħiħa fejn naqset sabiex anke ikun hemm titjieb fix-xhur li ġejjin.

## 8. Komunikazzjoni mis-Sindku

8.1. Is-Sindku xtaq jinforma lill-membri illi kien sar xi xogħol fuq il-ġnub tat-toroq min Infrastruttura Malta.

8.2. Is-Sindku xtaq jinforma lill-membri illi l-Faċilita Korrettiva ta' Kordin kienet ser torganizza attività fejn tinfetaħ il-forka għall-pubbliku.

8.3. Is-Sindku informa lill-membri li kienet ser teħel is-CCTV fi Triq is-Sultana però minħabba diffikultajiet tal-installazzjoni ma setgħetx issir għalissa. Huwa kompla li din ser tiġi installata fil-ġranet li ġejjin. Is-Sindku fakkar illi sfortunatament jekk il-persuni ma jkunux faċilment identifikati ma jkunux jistgħu jitħarrku u għaldaqstant talab il-koperazzjoni tar-residenti u l-Pulizija tal-Komunità.

## 9. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

9.1. Il-Viċi Sindku staqsa dwar il-kwalità tal-aħħar parti ta' Triq Brittanja. Is-Sindku kkonferma li qed jiddiskuti ix-xogħol fuq dik il-parti tat-triq ma' Infrastruttura Malta.

9.2. Il-Kunsillier Axisa staqsa dwar il-possibilità li xi ħadd professjonali jagħmel studju tat-traffiku li jgħaddi mil-lokalita b'mod speċjali fi Triq Hal Luqa speċjalment wara l-għeluq tal-aċċess għal Ħal Tarxien min Tal-Barrani. Huwa staqsa wkoll jekk marbut ma dan ikunx tajjeb li nistaqsu lill-ERA dwar l-impatt fuq l-arja tal-lokalita bħala riżultat ta' dan it-traffiku. Is-Sindku irrimarka li r-ritratt li għamel referenza għalih il-Kunsillier Axisa sar meta kien hemm inċidenti fi Vjal Sir Paul Boffa li wassal għall-traffiku kbir fil-lokalita. Is-Sindku żied illi din il-materja kienet tiġa diskussa f'laqgħa preċedenti u huwa kien tkellem tiġa ma Infrastruttura Malta dwar dan l-għeluq f'tal-Barrani li kien kkonfermat li huwa wieħed temporanju. Il-membri qablu li għandu jkun kkonfermat dan kif ukoll jekk hux qed isir moniteraġġ tal-kwalità tal-arja fil-lokalita kif ukoll dwar il-possibilità ta' pjanijiet ta' immaniġġjar ta' traffiku.

9.3. Il-Kunsillier Bartolo staqsa dwar il-proġett tal-kontroll tal-ħamiem. Is-Sindku kkonferma li l-proċess għadu għaddej.

9.4. Il-Kunsilliera Arqueros staqsiet dwar il-masterplan tal-pjazza u l-imwejjed fil-pjazza. Is-Sindku kompla li għadu għaddej ix-xogħol mal-Perit sabiex ikun jista' jiġi konkluż l-istess pjan.

**10. <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti</u>**

10.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 32 għas-somma ta' €54,194.26 u r-rapport ta' kull kwart, għal kwart numru 3.

**11. <u>Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss</u>**

11.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-6:15pm u ġiet aġġornata għal-Erbgħa 23 ta' Frar 2022.

11.2. Konfermati, illum l-Erbgħa 23 ta' Frar 2022.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Kurt Scerri | Dominic Grima |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |